**Qorti tal-Appell Kriminali**

**(Sede Inferjuri)**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 411/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Raymond Aquilina)

vs

**AB**

iben AH, imwieled Marsa, fit-30 ta' Mejju, 1943, detentur tal-karta tal-identita' numru ------M)

Illum, 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat AB quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fit-13 ta' Lulju 2006 u fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kissru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) b'eghmil zieni, ikkorrompa lil uliedu minorenni minn meta kellhom anqas minn tnax-il sena liema reati sar b'theddid, qerq, minn axxendent mid-demm u b'abbuz ta' setgha ta' genitur;

(b) Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess minuri, kontra l-volonta' taghhom u dan bhala mezz biex jigu mgieghla jaghmlu xi haga jew joqghodu ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghhom u meta l-istess reat sar minn missier naturali li kien jabita fl-istess dar.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Settembru, 2013 fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-18 ta' Ottubru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok ghar-ragunijiet premessi, issib lil AB hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih, u teroga l-piena komplessiva kontra l-appellat skont il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

"Illi jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-appellat ma nstabx hati tar-reati addebitati lilu ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz sal-grad rikjest mil-ligi u dan stante illi l-vittmi AD u AC li xehdu matul il-proceduri bid1u l-verzjoni tal-fatti;

Illi b'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-prosekuzzjoni tissotolinja illi dan il-kaz kien qieghed jigi mismugh kontestwalment ma' kaz iehor, "Il-Pulizija vs. AE", ukoll dwar abbuz sesswali, fil-konfront tal-istess vittmi. Illi minn qari akkurat tad-deposizizzjonijiet tax-xhieda jirrizulta illi l-varjazzjoni fil-verzjoni, tirrizulta in kwantu jekk hu l-vittmi, AE, ikkomettiex ir-reat ta' stupru o meno.

Il-gynaecologist Dr. Mariella Mangion a fol. 144 xehdet illi mill-ezami mediku li ghamlet fuq AC rrizulta illi ma kienx hemm penetrazzjoni. Fil-fatt, l-Avukat Generali, konxju ta' dan id-dubbju dettat mir-raguni, fil-kawza kontra AE ntenzjonalment ma ndikax l-artikolu tal-Ligi li jindika tali reat, meta hareg l-Artikoli fis-sitta u ghoxrin ta' Jannar 2009, kontra AE;

Illi l-appell fil-kaz odjern qed issir fuq aggravju t'apprezzament tal-provi, u qed isir ghaliex, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa manifestament evidenti illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tatx konsiderazzjoni bizzejjed ghall-ambjent domestiku/familjari li fih sehhew dawn ir-reati;

Illi l-Qorti tal-Magistrati, bir-rispett kollu kellha tqis li l-vittmi gejjin minn ambjent familjari xejn felici fejn l-omm kienet mgieghla titlaq minn darha b'uliedha kollha apparti wiehed "f'shelter" biex ma tibqax tigi mmaltrata u msawwta mil-koabitant, missier it-tfal. Il-Qorti tal-Magistrati bir-rispett kollu naqset milli tapprezza l-biza' li hakmet lill-ahwa bniet meta dawn t-tnejn kienu abbuzati minn membru tal-familja. Mhux facli ghal kwalunkwe minorenni li tinsinwa abbuz sesswali mil-missier, membru domestiku. Tant kien hemm atmosfera t'ansjeta', illi l-haddiema socjali Ms. Margaret Zammit spjegat a fol. 147 illi meta l-appellat kien arrestat, it-tifla AC bdiet tqatta' ideja u kienet giet irreferuta biex taraha psikjatra. Il-psikjatra Dr. Ingrid Grech Lanfranco a fol. 339 et. seq. tghid li AC kienet tibqa' siekta bid-dmugh nizel ma' wiccha, Pamela Gili mic-Child Protection Unit a fol. 353 turi kemm il-bniet wara li rnexxilhom iwaqfu l-abbuz, hassewhom responsabbli li missierhom kienu baqa' arrestat, u wara li taw it-testimonjanzi taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati, sahansitra bdew ikollhom second thoughts, u pruvaw jghattu dak kollu li qalu. Huwa hawnhekk li l-Qorti tal-Magistrati bir-rispett kollu giet sgwidata;

Illi jirrizulta li kemm AD u kif ukoll AC kienu dejjem konsistenti fil-verzjoni taghhom dwar l-akkadut kemm meta fethu qalbhom maz-zija, kemm meta ghamlu r-rapport l-Appogg, kemm meta xehdu il-Qorti u kif ukoll meta tkelmu mad-Dottoressa Mariella Mangion. Meta l-Qorti tidhol ad funditus fl-assjem tal-provi, jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li r-reati korrispondenti gnall-akkuzi elenkati (a) u (b) vera sehhew u li r-ripensament fl-ahhar ta' AC u AD li tkelmet fuqu Pamela Gili mic-Child Protection Unit a fol. 354, kien frott il-guilt feeling u r-riluttanza li l-ahwa jaraw lil missierhom il-habs - evidenti wkoll mill-kartolini li bghatulu l-habs fil-Milied esebiti in atti mid-difiza a fols. 190 -193 tal-process;

Illi AF, l-partner tal-appellat AB meta giet affaccata bir-realta' tal-fatti, tant kienet fi stat ta' denial, li pruvat ittaffi u tinfluwenza x-xhieda ta' uliedha. Dan jirrizulta car mid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati meta rribadit li ulieda esageraw fit-testimonjanzi taghhom. Apparti minn hekk, jirrizulta wkoll illi meta dehru fil- bidu quddiem ic-Child Protection Officer Pamela Gili hum a taw il-verzjoni tal-fatti li kienu taw lill-Appogg, lil Pulizija

u lil Qorti, mentri meta regghu dehru quddiem l-istess Gili akkumpanjati minn ommhom hekk kif jirrizulta minn fol. 355 "kienu gew l-Appogg AC, AD u AF",huma kienu saru tant konxji mill-gravita' tal-konsegwenzi li kien sejjer jaffacja missierhom, li bdew jippruvaw jivvintaw storja biex jiskolpevolaw lil missierhom mill-akkuzi:

Illi b'kull rispett, jirrizulta mix-xhieda li AD konsistentament mill-eta' tenera ta' tmien snin sa l-eta' ta' hmistax -il sena, b' qerq giet issoggettata ghal-korruzzjoni mill-appellat missierha stess, meta kien jordnalha tnehhi hwejjigha, joqghod immisha u jesponi lilu nnifsu quddiemha gharwien. Johrog car mid-deposizizzjoni ta' AD illi meta pruvat tahrab, l-appellat AB zammha b'idejh u inoltre kien issakkar il-bieb meta kienu joqghodu Santa Margerita l-Mosta u anke meta kienu joqghodu Hal Safi sabiex it-tifla ma tkunx tista' tevita li jkollha dawn l-atti mieghu. Illi AD quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma bidlet din il-verzjoni u kwalunkwe xhieda ohra li setghet tat ommha AF hija biss hearsay;

Illi b'kull rispett, jirrizulta mix-xhieda ta' AC illi meta kellha tmien snin, b' qerq giet issoggettata ghall-korruzzjoni minn missierha meta l-appellat ghajtilha f'kamartu sabiex tnewwilu tissue paper wara "li kien ghamel movimenti bil-parti tieghu" u kif hi stess stqarret, din kienet l-ewwel darba li rat lil xi hadd gharwien. Johrog car mid-deposizizzjoni ta' AC illi l-appellat AB ghal diversi snin kien immisha fil-partijiet privati taghha u sahhansitra kien talabha biex timmasturbah. Illi AC quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma bidlet din il-verzjoni u kwalunkwe xhieda ohra li setghet tat ommha AF hija biss hearsay;

Illi biex jigu pruvati z-zewg akkuzi kontra l-appellat AB, huwa bizzejjed illi jirrizulta b'mod car illi l-appellat zamm lill-uliedu AC u AD b' qerq u kkorrompa lill-uliedu bniet b' atti libidinuzi. Fil-fatt kien jghidilhom illi jekk ma jaghmlux li jghidilhom u jekk jitkellmu, kien jaqfilhom x'imkien. Huma mbezza' minn din l-eventwalita` kienu jemmnuh. Meta omm it-tfal kienet tkun ix-xoghol, AB kien jaghmel atti zienja, xi drabi ma' bint, u drabi ohra ma' bintu l-ohra, meta suppost bhala l-missier naturali, kellu jara illi ma' jigri xejn ta' detriment ghal uliedu ckejknin. Harsa hafifa lejn it-tpengijiet in atti maghmulha mill-missier appellat a fol. 245, u kkonfermati minnu matul id-deposizizzjoni li ta quddiem l-avukat Dr Patrick Valentino a fol. 472, tiswa' biex wiehed jifhem it- tendenzi libidinuzi li huwa mahkum minnhom;

Rat r-rispostaipprezentata mill-appellat.

Ratl-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni appellata ghaliex jishaq illi l-Ewwel Qorti erronjament ma tatx affidament lill-minuri u dan meta huma ghogobhom jirtiraw l-allegazzjonijiet minnhom maghmula fil-konfront ta' missierhom mal-assistent socjali Pamela Gili. Jishaq l-Avukat Generali illi l-minuri ghamlu dan billi kienet giet ezercitata pressjoni minn ommhom AG u messithom il-kuxjenza meta raw lil missierhom inkarcerat. Fil-fatt jikkontendi illi kemm il-verzjoni moghtija *a tempo vergine* lill-Agenzija Appogg, kif ukoll lill-pulizija u finalment fid-deposizzjoni taghhom quddiem il-Qorti, kienu kollha konsistenti tant illi ixejjnu ic-cahda maghmula mill-appellat tal-abbuzi addebitati lilu. Jinsisti illi f'dan il-kaz il-minuri qatt ma allegaw illi sehhet xi penetrazzjoni permezz ta' att sesswali maghmul fuqhom mill-appellat u kien biss fil-konfront ta' huhom AE li saret din l-allegazzjoni, liema allegazzjoni izda kienet giet imxejjna mir-rapport mediku maghmul fuq il-minuri AC. Billi il-kaz kontra AE kien miexi kontestwalment ma' dak tal-missier, l-Avukat Generali jallega li l-Ewwel Qorti setghet influwenzat ruhha minn dan il-fatt fl-apprezzament minnha maghmul f'din l-istanza.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravvju imqanqal mill-Avukat Generali idur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti.

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat, kemm legalment kif ukoll fattwalment, illi altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja.

Illi l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti kien jistrieh unikament fuq ezami tal-kredibbilita tal-protagonisti involuti f'din l-istorja tragika familjari, fejn jidher illi kien hemm dizgwid bejn il-genituri b'allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, tant illi l-omm u t-tfal f'xi zmien kienu telqu mid-dar u irrikorrew ghall-ghajnuna f'*shelter* ghan-nisa abbuzati, biex jitbieghdu minn dan l-ambjent familjari mizghud kunflitti u tensjonijiet. Illi allura l-Ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'dan l-ambjent familjari fejn sahansitra l-istess minuri kienu ghamlu allegazzjonijiet simili fuq huhom il-kbir AE, bil-proceduri kriminali fil-konfront ta' dan huhom jinstemghu kontestwalment mill-Ewwel Qorti flimkien ma' dan il-kaz.

Illi wara li fliet l-provi kollha fl-atti sabiex setghet tkun f'posizzjoni twiezen liema wahda miz-zewg verzjonijiet moghtija (dik tal-minuri jew dik tal-missier), kienet l-aktar kredibbli u attendibbli, jidher madanakollu illi l-Ewwel Qorti, maghmul dan l-ezercizzju, xortawahda baqghet b'dak id-dubbju ragjonevoli dwar il-verosimiljanza ta' dak allegat mill-minuri AD u AC fil-konfront tal-appellat, missierhom.

Issa huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed ighid iswed u l-iehor ighid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita` u attendibilita` f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[1]"

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

[1] Ibid

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392) (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[2]"

Illi inoltre biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettaljiipprezentati quddiemha mhux biss mix-xiehda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew, kif ukoll tal-esperti medici u psikjatrici li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li l-Ewwel Qorti ghamlet b'mod konciz u dettaljat.

Issa huwa minnu ukoll illi meta xehdu il-minuri dawn iddeponew quddiem gudikant iehor, madanakollu billi x-xhieda taghhom ittiehed permezz tal-procedura awdio viziva kontemporanja din certament kienet disponibbli ghall-Ewwel Qorti li allura setghet vizwalment tezamina d-deportament ta' dawn x-xhieda. Ghalhekk sewwa mxiet il-gudikant in prim'istanza meta ghamlet ezami ta' diversi cirkostanzi li fil-fehma taghha kienu jivvulneraw x-xiehda tal-minuri.

Ikkunsidrat,

Illi maghdud dan din il-Qorti xortawahda ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u tistqarr minnufih illi dan il-process gudizzjarju huwa mifni b'xhieda kontrastanti u konfliggenti mhux biss tal-minuri stess, izda ukoll huma kontradetti mix-xhieda ohra indipendenti fosthom t-tobba, psikologi u esperti tal-Qorti.

[2] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

Illi kif gustament stqarret l-Ewwel Qorti il-prova fil-kamp penali trid tkun wahda soda hafna, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Issa gjaldarba kien qed jirrizulta lill-Ewwel Qorti illi l-minuri kienu qed ibiddlu il-verzjoni moghtija minnhom dwar l-allegat abbuz, ghalkemm dan sar quddiem l-assistent socjali u mhux fil-Qorti, u rinfaccjata bic-cahda kategorika minn naha tal-appellat illi huwa qatt abbuza minn uliedu, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, tqies l-allegazzjonijiet maghmula b'cirkospezzjoni kbira u dan meta abbinat mal-provi l-ohra li kien hemm fl-atti.

Illi minn ezami tas-sentenza impunjata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghaqli u approfondit tal-provi kollha li gew ikkumpilati, tant illi fl-analizi li isir tal-atti probatorji huwa evidenti il-kunflitt fil-provi li ma setax allura iwassal lill-Ewwel Qorti ghal dak il-konvinciment morali sabiex fuqu isejjes ir-reita'.

Dan ghaliex:

1. AD tghid li l-abbuz beda meta kellha tmien snin u kien isehh f'dak il-hin li ommha kienet tkun x-xoghol, izda imbaghad aktar tard fix-xiehda taghha tghid illi ommha bdiet tahdem meta hija kellha madwar tlettax-il sena, u li kienet tiehu maghha x-xoghol lil ohtha u lil huha. AD lanqas ma hija certa fix-xiehda taghha dwar kif kienu isehhu it-tokkamenti u jekk dawn sehhewx minn fuq il-hwejjeg jew direttament fuq il-laham, u kif kien isehh dan l-allegat tbaghbis bil-mistoqsijiet hafna drabi jigu imwiegba bil-kliem "minghalija" jew "ma niftakarx". Tghid li dawn l-inkontri abbuzivi kienu isehhu regolarment matul il-gimgha izda imbaghad tghid li kienu isehhu meta ghal xi raguni jew ohra hija ma kenitx tmur skola u kienet tibqa' d-dar wahedha ma' missierha.

2. AC tixhed fl-istess vena meta tallega illi missierha kien imissha intimament minn fuq il-hwejjeg sa mill-eta ta' tmien snin. Din il-minuri tallega ukoll fix-xiehda taghha li kien stupraha ukoll huha AF, izda minn ezami mediku li isirilha mill-espert tal-Qorti ma jirrizulta l-ebda sinjal ta' abbuz sesswali fuq il-persuna taghha jew xi trasmissjoni ta' mard infettiv.

3. L-omm AG tghid illi ghalkemm il-minuri AC kienet qaltilha li missierha kien joqghod idejjaqha u jiffittaha (ghalkemm qatt ma tkellmet maghha dwar abbuz sesswali), tghid li hija xortawahda kienet tinsisti li tmur ghand missierha sabiex izzuru. Tinsisti li uliedha qatt ma tkellmu maghha dwar dan l-allegat abbuz, hlief meta qerrew maghha li fil-verzjoni tal-fatti moghtija minnhom fil-qorti huma kienu ezageraw u iddispjaciehom.

4. Fil-fatt ibiddlu il-verzjoni taghhom finalment u ighidu li holqu din l-istorja tal-abbuz wara li raw storja simili fuq l-ahbarijiet. Dan id-diskors jinghad lill-assistenti socjali u lil ommhom fejn jistqarru maghhom li esageraw fir-rakkont taghhom[3].

5. Ezamijiet medici mill-pedjatra Dr. Mariella Mangion[4] u it-tabib ginekologu Dr. Carmen Portelli jikkonkludu illi ma kien hemm ebda sinjali ta' abbuz sesswali fuq il-minuri AC, jew ta' kongungiment karnali b'penetrazzjoni fl-orefici intimu tal-parti leza, billi gie konstatat medikament illi l-"*hymen*" kienet ghadha intatta. L-ezamijiet medici li saru ghal xi mard ta' natura sesswali irrizultaw fin-negattiv.

6. Il-psikologa Ingrid Grech Lanfranco, mahtura biex tezamina lil minuri AC tghid illi l-minuri ma kenitx wriet interess fit-terapija lilha offruta tant illi ratha biss f'tlett okkazjonijiet u f'dawn l-okkazzjonijiet il-minuri ma ikkoperatx maghha.

7. L-appellat fix-xiehda tieghu jichad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu.

Rinfaccjata ghalhekk b'dawn il-provi kontradittorji fejn lanqas l-esperti li kienu qed jassistu l-qorti ma setghu jasslu ghal konkluzjoni dwar jekk il-minuri kenux sofrew xi abbuz sesswali, l-Ewwel Qorti legalment u ragjonevolment ma setatx tqies illi l-

[3] Ara xiehda ta' AE a fol.177 et seq. u ta' PamelaGili a fol.356

[4] Xiehda a fol.143 u rapport fol.146

prosekuzzjoni lahhqet il-grad ta' prova mehtieg minnha sabiex issib il-htija ghar-reati addebitati lill-appellat.

Illi maghdud dan kollu huwa bil-wisq evidenti illi l-provi li hemm fl-atti processwali huma tant konfliggenti illi jkun ferm perikoluz illi il-gudizzju tal-Qorti rizultanti fi htija jigi imsejjes fuq evidenza mizghuda b'inkonsistenzi u nuqqas ta' koerenza fl-affermazzjonijiet maghmula mix-xhieda li ghall-ewwel jistqarru mod imbaghad jaffermaw il-kuntrarju. Dan iktar u iktar meta ma hemmx provi indizzjarji li jistghu jaghtu is-sahha lil verzjoni 'il wahda jew 'l ohra. Illi allura hija il-fehma tal-Qorti illi id-diskrezzjoni ezercitat mill-Ewwel Qorti fid-dawl tar-risultanzi processwali ma ghandhiex tigi iddisturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha. Il-Qorti qed tordna divjett fuq il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-partijiet involuti.

Edwina Grima

Imhallef